**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 68**

L-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri u l-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Ray Abela*, l-Onor. David Agius, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Ian Vassallo kienu skużati.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, l~~-Onor. Ray Abela~~*, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Adrian Delia kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 110 tat-Tnejn 17 ta' April 2023.*

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 67 li saret fis-6 ta' Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1024 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Information Technology Audit: Online Malta Census of Population and Housing 2021* datat Diċembru 2022;

P.L. 1025 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Sebastian Dalli vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 370/2021/TA), deċiża fit-22 ta' Marzu 2022 u dik tal-Appell datata 30 ta' Novembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3920 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1026 Tabella li turi n-numru ta' tfal barranin fl-iskejjel tal-Gvern maqsuma skont il-Kulleġġ u skont minn liema pajjiż ġejjin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3923;

P.L. 1027 Informazzjoni addizzjonali għall-mistoqsija parlamentari 4528 li ngħatat fis-seduta 66 tal-5 ta' Diċembru 2022, dwar compliance certificate relatat mal-Iskola Primarja tal-Qawra u l-parkeġġ tal-istess skola; u

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1028 Tabella li turi tagħrif dwar spezzjonijiet li saru minħabba skart mormi illegalment fi Triq il-Farfett tal-Fejġel f'Ħaż-Żabbar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4459.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Onor. Jo Etienne Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex, ippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat 1 sa 3 tal-istess Kumitat, li nżammu bejn it-30 ta' Mejju u s-27 ta' Ġunju 2022.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI – ABBOZZ NRU 21

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

L-Onor. Deo Debattista ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Alicia Bugeja Said u l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Toni Bezzina għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-6.56 p.m. is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba' | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari<br>Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 243 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma u l-Avviż Legali 244 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta’ Provvista<br>- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru<br>- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | Stadji kollha |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi ta’ Qabel l-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Keith Azzopardi Tanti u mill-Onor. Katya De Giovanni.

Fis-7.29 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 12 ta’ Diċembru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**